

II

(Att mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) NRU 882/2014**tal-31 ta' Lulju 2014**

**li jirreġistra denominazzjoni fir-registratu tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjoni
nijiet ġeografiċi protetti (Torrone di Bagnara (IGP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, it-talba mill-Italja biex id-denominazzjoni "Torrone di Bagnara" tiddaħħal fir-registratu, ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (²).
- (2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Torrone di Bagnara" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Torrone di Bagnara" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-klassi 2.3. Ħobż, għażina, kejkijiet, ħelu, gallet-tini u prodotti oħra tal-furnara tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 (³).

(¹) ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

(²) ĠUC 89, 28.3.2014, p. 62.

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠUL 179, 19.6.2014, p. 36).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Ferdinando NELLI FEROĊI
Membru tal-Kummissjoni*
